Niedersächsische
Landeswahlleiterin

**Maltesisch**

# Tagħrif Ġenerali dwar l-Elezzjonijiet Lokali 2021

Fit-12 ta' Settembru 2021, iċ-ċentri tal-votazzjoni fis-Sassonja ta' Isfel se jkunu miftuħa mit-8 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija. Iċ-ċittadini tas-Sassonja ta' Isfel se jagħżlu r-rappreżentanti lokali tad-distretti, tal-bliet, tal-kwartieri, tal-muniċipji, tal-muniċipji integrati u tal-lokalitajiet. Barra minn hekk, fid-distretti individwali, fl-ibliet u l-muniċipji integrati u individwali se jinħatru fil-kariga direttament mill-elettorat il-Kap tal-Awtorità Distrettwali jew is-Sindku. Tagħrif dwar fejn dan ikun il-każ se jitwassal lilek permezz tal-avviżi pubbliċi maħruġa mill-uffiċċji elettorali lokali.

Min għandu d-dritt li jieħu sehem f'aktar elezzjonijiet, pereżempju għall-Kunsill Distrettwali, il-Kunsill Muniċipali, u għal Kap tal-Awtorità Distrettwali, jirċievi wkoll aktar poloz tal-vot. L-ismijiet ta' dawk il-kandidati li se joħorġu għall-elezzjonijiet se jidhru fil-poloz tal-vot u jkunu ppubblikati wkoll madwar erba' ġimgħat qabel id-data tal-elezzjonijiet permezz ta' avviżi maħruġa mill-uffiċċji elettorali dwar il-kandidaturi appruvati. Proposti u nominazzjonijiet għall-votazzjoni jistgħu jiġu sottomessi minn partiti, gruppi ta' votanti, u kandidati individwali.

## Min jista' jivvota?

Tista' tieħu sehem fl-elezzjonijiet jekk inti ta' nazzjonalità Ġermaniża jew jekk għandek iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea (il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, 1-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, jew Ċipru), tkun **għalaqt is-sittax-il (16) sena sal-ġurnata tal-elezzjoni** u

— tkun, għal mhux inqas minn tliet xhur, domiċiljat(a) fil-post fejn se tivvota (pereżempju, fid-distrett għall-elezzjoni tal-Kunsill Distrettwali),

— ma ġiex imneħħi d-dritt tiegħek biex tivvota, kif ukoll jekk

— għandek ismek imniżżel fir-reġistru elettorali jew għandek dokument tal-vot.

Ir-reġistri tal-votanti huma mħejjija mill-muniċipji (individwali jew integrati). Normalment tkun irreġistrat(a) awtomatikament. Dan biss sakemm inti ma tkunx insejt tirreġistra lilek innifsek fil-Kunsill Lokali tal-muniċipju tiegħek (fil-ħin)!

## Fejn se tivvota?

Jekk inti mniżżel/imniżżla fir-reġistru elettorali, tirċievi awtomatikament notifika dwar il-votazzjoni. Fin-notifika hemm indikat f'liema ċentru tal-votazzjoni tista' tivvota.

B'eċċezzjoni, tista' tagħżel li tivvota bil-posta jekk inti tkun applikajt għal dokument tal-votazzjoni u tkun irċevejtu (qabbel man-naħa ta' wara tad-dokument).

## Kif tivvota?

Se tirċievi **polza tal-vot waħda għal kull elezzjoni** li se tieħu sehem fiha (pereżempju, waħda għall-għażla tal-Kunsill Distrettwali u waħda għall-għażla tal-Kunsill Muniċipali u, jekk hemm bżonn, anki waħda għall-għażla tal-Kap tal-Awtorità Distrettwali).

## Elezzjoni tar-rappreżentanti

Għall-elezzjoni tar-rappreżentanti (pereżempju, il-Kunsill Distrettwali, il-Kunsill Muniċipali), tista' **timmarka tlett islaleb f'kull polza tal-vot**, b'differenza minn dak li normalment isir waqt l-elezzjonijiet nazzjonali u reġjonali! Għal kull polza tal-vot jikkorrispondu **tliet** voti!

Tista' tuża t-tliet voti kollha kemm huma biex tivvota jew lil proposta (lista totali) waħda jew lil kandidat(a) wieħed/waħda minn dik il-lista ta' nomini. Tista' wkoll tqassam il-voti tiegħek bejn aktar listi totali u/jew kandidati inklużi fl-istess lista ta' nomini jew listi ta' nomini differenti.

## Elezzjoni ta' Kapijiet tal-Awtoritajiet Distrettwali

Sakemm hemm sistema ta' vot dirett fiż-żona fejn qed isiru l-elezzjonijiet, inti għandek **vot wieħed biss** għal kull waħda minn dawn l-elezzjonijiet, fejn tista' tagħti lil kandidat(a) tal-għażla tiegħek il-vot billi timmarka salib ħdejn 1-isem fil-polza tal-vot.

## Għal xiex trid toqgħod attent(a)?

- Jekk sat-22 ta’ Awwissu 2021 ma tkunx irċevejt notifika dwar il-votazzjoni, hemm ċans li inti m’intix imniżżel/imniżżla **fir-reġistru elettorali**. Dan tista’ tivverifikah: ir-reġistri elettorali se jkunu aċċessibbli għall-pubbliku fil-Kunsill Lokali tal-muniċipju (individwali jew integrat) tiegħek mit-23 sas-27 ta’ Awwissu 2021. Jekk ismek ma jkunx imniżżel fir-reġistru, għandek ċans tapplika għal korrezzjoni sas-27 ta’ Awwissu 2021. Jekk jogħġbok, innota li jekk inti għandek residenza f’aktar postijiet tal-istess żona elettorali, **tkun irreġistrat(a) fir-reġistru elettorali biss fil-post tar-residenza primarja!**

- Jekk inti ma tistax tmur tivvota fiċ-ċentru tal-votazzjoni jew jekk, mingħajr ma jkun tort tiegħek, ismek ma jinstabx fir-reġistru elettorali, tista’ tapplika għal **dokument tal-vot** u tibgħat il-vot tiegħek bil-posta.

- Id-dokument tal-vot u dokumenti oħrajn li jintużaw **meta l-votazzjoni ssir bil-posta** tirċevihom mill-Kunsill Lokali tal-muniċipju individwali jew integrat tiegħek wara li tkun għamilt talba għalihom jew bil-miktub jew personalment (mhux bit-telefown). It-talba tiegħek trid tasal mhux iżjed tard mis-siegħa (13:00) ta’ waranofsinhar tal-għaxra (10) ta’ Settembru 2021. Biss jekk tkun ngħatajt prokura bil-miktub, tista’ tapplika anki għal persuni oħrajn u tiġbrilhom id-dokumenti.

  Jekk inti ma tiġix personalment biex tiġbor id-dokumenti tal-votazzjoni (vot bil-posta), dawn jintbagħtu għandek. Rappreżentant li jippreżenta prokura jista’ jiġbor dawn id-dokumenti għal mhux aktar minn erba’ votanti oħra.

  Id-dokument tal-votazzjoni permezz ta’ korrispondenza jrid jasal għand l-uffiċċju elettorali muniċipali tiegħek mhux aktar tard mis-sitta (6) ta’ filgħaxija tat-12 ta’ Settembru 2021. Il-votanti stess huma responsabbli għall-wasla tiegħu f’waqtha.

- Jekk għandek xi mistoqsija oħra, jekk jogħġbok, irrikorri għand 1-uffiċjali inkarigati mill-elezzjonijiet u l-uffiċċju elettorali tal-muniċipju, tal-muniċipju integrat, jew tad-distrett tiegħek.